

32006R1195

8.8.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 217/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1195/2006

tat-18 ta' Lulju 2006

li jemenda l-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar inkwinanti organiċi persistenti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 850/2004 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(4)(a), u l-Artikolu 14(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni wettqet studju dwar l-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati ma' l-iskart tar-Regolament (KE) Nru 850/2004.
- (2) Il-limiti, tal-konċentrazzjonijiet, proposti fl-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 850/2004 huma kkunsidrati bħala l-iktar adegwati sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u ta' l-ambjent fid-dawl tad-distruzzjoni jew it-trasformazzjoni irriversibbli ta' l-inkwinanti organiċi persistenti.
- (3) Għat-*toxaphene*, li hija taħlita ta' iktar minn 670 sustanza, ma hija disponibbli ebda metodoloġija analitika miftiehma u relevanti għad-determinazzjoni tal-konċentrazzjoni totali. Madanakollu, l-istudju li jissemma hawn fuq ma identifika ebda ħażniet li jikkonsistu minn, jew li fihom, jew li huma kkontaminati bit-*toxaphene* fl-Unjoni Ewropea. Aktar minn hekk, l-istudju wera li, kull meta l-pestiċidi li jkunu inkwinanti organiċi persistenti ġew skoperti fl-iskart, il-konċentrazzjonijiet tagħhom normalment kienu għoljin meta mqabbla mal-limiti proposti ta' konċentrazzjonijiet. Għalissa, il-metodoloġiji analitiċi disponibbli għad-determinazzjoni tat-*toxaphene* jistgħu jiġu kkunsidrati bħala adegwati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

- (4) Il-limitu ta' konċentrazzjoni għall-PCDF/PCDD huwa espress bħala konċentrazzjoni ekwivalenti ta' tossiċità ("TEQ"), permezz tal-fatturi ta' ekwivalenza ta' tossiċità ("TEFs") ta' l-1998 ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Id-*data* disponibbli dwar il-PCBs li jixbhu d-dijossini mhijiex suffiċjenti sabiex dawn il-komposti jiġu inklużi fit-TEQ.
- (5) Il-*hexachlorocyclohexane* (HCH) huwa l-isem ta' taħlita teknika ta' diversi *isomers*. Biex isir sforz għall-analiżi kompleta tagħhom, tali sforz ikun sporozjonat. L-*alpha*-, il-*beta*- u l-*gamma*-HCH biss huma ta' relevanza tossikoloġika. Għalhekk, il-limitu tal-konċentrazzjoni jirreferi esklussivament għalihom. Il-parti l-kbira tat-taħlitiet *standard* analitiċi li huma disponibbli għall-analiżi ta' din il-klassi ta' komposti jidentifikaw biss lil dawn l-*isomers*.
- (6) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu jiġi emendat skond il-każ.
- (7) Il-Kumitat previst fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 850/2004 ma ta l-ebda opinjoni dwar il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament wara l-konsultazzjoni miegħu, fil-25 ta' Jannar 2006, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17(2) ta' dak ir-Regolament,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 850/2004 għandu jiġi sostitwit bit-test dispost fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

(¹) ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7. Verżjoni korretta fil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 18 ta' Lulju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

ANNEX

"ANNEX IV

Lista ta' sustanzi suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-immaniġġar ta' l-iskart stabbiliti fl-artikolu 7

| Sustanza | Nru tal-CAS | Nru tal-KE | Limitu tal-konċentrazzjoni msemmi fl-artikolu 7(4)(a) |
|---|-----------------------------|----------------------------------|---|
| Aldrin | 309-00-2 | 206-215-8 | 50 mg/kg |
| Chlordane | 57-74-9 | 200-349-0 | 50 mg/kg |
| Dieldrin | 60-57-1 | 200-484-5 | 50 mg/kg |
| Endrin | 72-20-8 | 200-775-7 | 50 mg/kg |
| Heptachlor | 76-44-8 | 200-962-3 | 50 mg/kg |
| Hexachlorobenzene | 118-74-1 | 200-273-9 | 50 mg/kg |
| Mirex | 2385-85-5 | 219-196-6 | 50 mg/kg |
| Toxaphene | 8001-35-2 | 232-283-3 | 50 mg/kg |
| Polychlorinated Biphenyls (PCB) | 1336-36-3 u oħrajn | 215-648-1 | 50 mg/kg (*) |
| DDT (1,1,1-trichloro-2,2-bis(4-chlorophenyl) ethane) | 50-29-3 | 200-024-3 | 50 mg/kg |
| Chlordecone | 143-50-0 | 205-601-3 | 50 mg/kg |
| Polychlorinated dibenzo-p-dioxins u dibenzofurans (PCDD/PCDF) | | | 15 µg/kg (**) |
| Is-somma ta' l-alpha, beta- u gamma- HCH | 58-89-9, 319-84-6, 319-85-7 | 206-270-8, 206-271-3 u 200-401-2 | 50 mg/kg |
| Hexabromobiphenyl | 36355-01-8 | 252-994-2 | 50 mg/kg |

(*) Fejn ikun applikabbli, għandu japplika l-metodu tal-kalkolu stabbilit fl-istandards Ewropej EN 12766-1 u EN 12766-2.

(**) Il-limitu jiġi kkalkolat bħala PCDD u PCDF skond il-fatturi ta' ekwivalenza ta' tossiċità li ġejjin (TEFs):

| | TEF |
|---------------------|---------|
| PCDD | |
| 2,3,7,8-TeCDD | 1 |
| 1,2,3,7,8-PeCDD | 1 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDD | 0,1 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDD | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9-HxCDD | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDD | 0,01 |
| OCDD | 0,0001 |
| PCDF | |
| 2,3,7,8-TeCDF | 0,1 |
| 1,2,3,7,8-PeCDF | 0,05 |
| 2,3,4,7,8-PeCDF | 0,5 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9-HxCDF | 0,1 |
| 2,3,4,6,7,8-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDF | 0,01 |
| 1,2,3,4,7,8,9-HpCDF | 0,01 |
| OCDF | 0,0001" |